Mellieħa

# Kunsill Lokali Mellieħa

# Il-Pjan tal-Ħidma

# 2015 - 2017

## Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 2 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 3 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 4 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 7 |
| Attivitajiet Ġenerali | 10 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment | 12 |
| L-Infieq Kapitali | 15 |

## Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Nistgħu ngħidu li s-sena 2014 kienet waħda kkaratterizzata bl-introduzzjoni ta' diversi proġetti kapitali, li uħud minnhom twettqu fl-istess sena. Hekk li nistgħu ngħidu li l-pjan ta' ħidma tas-Seba' Kunsill ser ikompli jiġi rifless fil-perjodu kopert b'dan il-pjan ta' ħidma. Fis-sena li għaddiet, il-MEPA approvat diversi permessi li jvarjaw minn restawr, titjib ta' postijiet eżistenti u oħrajn li ser jiġu żviluppati għall-ewwel darba..

Fis-snin li għandna quddiemna n-nefqa rikorrenti mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti bl-introduzzjoni ta' assi permanenti li jirrikjedu spiża akbar biex jinżammu fi stat tajjeb. Billi dawn il-postijiet ġew attrezzati bi dwal, *water features* li jinvolvu konsum, dan ukoll ser ikollu effett fuq l-ispiża rikorrenti. Kif wieħed jista' jara mill-iskedi aktar 'l isfel, huwa importanti li l-Kunsill ifittex sorsi ta' finanzjament oltre l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, partikularment fit-tieni u t-tielet sena tal-Pjan. Hemm ukoll l-inpenn li jitjiebu s-servizzi li l-Kunsill obbligat li jirrendi skont il-liġi. Flimkien ma' dan hemm l-isfida li toffri l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali ta' ċertu livell, li minn żmien għal żmien jeħtieg li jiġu evalwati biex naraw li l-flus minfuq fuqhom humiex iħallu l-effett mixtieq.

Il-Kunsill għandu jara li jibbenefika minn opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-Unjoni Ewropea, apparti l-iskemi li introduċa l-Gvern Ċentrali u ma jserraħx biss fuq l-Allokazzjoni Annwali li tingħata mill-Gvern Ċentrali biex iwessgħa l-firxa ta' inizjattivi li jista' jidħol għalihom.

John Buttigieg - **Is-Sindku**

**2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni**

L-għan tal-Kunsill huwa li jservi ta' gvern lokali li jamministra skont il-parametri tal-liġi, b'mod trasparenti u parteċipattiv, filwaqt li jieħu deċiżjonijiet fl-interess komuni tar-residenti.

**2.2 Il-Valuri**

Il-valuri mħaddna mill-Kunsill Lokali Mellieħa huma:

- Li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalita` in ġenerali mingħajr ma jiddeskrimina bejn żona u oħra.
- Jikkonsidra bl-istess mod il-ħtiġijiet ta' l-irħula u komunitajiet żgħar li jinstabu fil-lokalita`, daqs dawk tal-Mellieħa li tħaddan fiha l-akbar numru ta' residenti.
- Jirrispetta l-opinjonijiet u twemmin politiku divers li jeżistu fil-lokalita'.
- Iħajjar lir-residenti jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jinħolqu strutturi li permezz tagħhom issir konsultazzjoni ma' nies ta' esperjenza, jew esperti fil-qasam rispettiv. Fejn ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies li ser jintlaqtu b'xi deċiżjoni li tkun ser tittieħed, il-Kunsill jaddotta l-metodu ta' konsultazzjoni aktar miftuħa permezz ta' laqgħat direttament mal-pubbliku u jekk ikun hemm bżonn anke msaħħaħ bi studji u riċerka.
- Jistma x-xogħol imwettaq mill-għaqdiet kulturali li jiffunzjonaw fil-Mellieħa u jkun strumentali biex l-għanijiet tagħhom jintlaħqu bi kwalunkwe` mezz possibbli fil-parametri tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill jara li ma jidħolx f`kompetizzjoni mal-istess għaqdiet fl-inizjattivi li jittieħdu.
- Jara li l-fondi pubbliċi allokati lilu jintefqu bl-aktar mod effettiv, effiċjenti, b'tali mod li jinġieb il-valur tal-flus li jintefqu permezz ta' kontroll fuq il-kwalita`.

  - Iservi ta' vuċi għall-kostitwenti tiegħu ma' Ministeri, Dipartimenti u/jew entitajiet pubbliċi fuq materji li jolqtu l-lokalita`.
  - Jara li jikkonsolida t-tliet ftehim ta' ġemellaġġi li diġa huma fis-seħħ bil-għan li jwessa` l-orizzonti tar-residenti bi skambi li jista' jseħħu bis-saħħa tal-istess ġemellaġġi.
  - Jara fuq kollox li jiffunzjona fil-qafas tal-liġijiet u regolamenti dwar l-operat tal-kunsilli lokali u leġiżlazzjoni oħra relatata.

## 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul il-Perjodu tal-Pjan

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| • L-Ambjent | o Il-Kunsill ser jara li jkun hemm infurzar tal-liġi f'żoni rurali, filwaqt li jemmen illi dawn għandhom jidgawdew mill-Maltin u t-turisti bil-galbu u mingħajr ħsara ambjentali fil-qafas legali u *bye-laws* li ntroduċa l-Kunsill;<br>o F'koperazzjoni mal-Gvern Ċentrali jsiru kampanji edukattivi u jiġu ntrodotti miżuri sabiex ir-residenti jiġu nkoraġġiti u nċentivati jisseparaw l-iskart u jieħdu sehem f'attivitajiet bħalma huma *clean-ups*, u hekk tinħoloq kuxjenza aktar favur iż-żamma tal-indafa; u<br>o Żieda ta' postijiet ta' rikrejazzjoni f'wesgħa li għadha mhux żviluppati fiż-żona ta' Mellieħa Heights. |
| • Titjib fil-kwalita` tat-toroq u żoni urbani fil-lokalità, b'mod partikulari dawk li għadhom mhux miksija bit-tarmak. | o Fit-tliet snin tal-pjan ta' ħidma, il-Kunsill ser jara li Transport Malta tikkonkludi il-programm ta' toroq f'Santa Marija Estate, bir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin.<br>o Ser ikompli l-programm ta' *resurfacing* ta' toroq fiż-żona Tas-Sellum u Triq Ramlet il-Qortin ġewwa l-Aħrax;<br>o Teħid ta' deċiżjoni dwar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata bil-għan li ż-żona tal-knisja u Ġnien iż-Żerniq isiru attivitajiet fiha b'aktar sigurta`. |
| • Apprezzament ta' beni storiċi. | o Ser isir sforz min-naħa tal-Kunsill sabiex il-Batterija ta' Westreme, li tilqa' il-Mużew tat-Tunnara jsirulha t-tiswijiet meħtieġa biex ma ssirilhiex ħsara strutturali. Ser jiġu żviluppati beni storiċi oħra li sal-lum kienu abbandunati, bħalma huma t-Torri l-Abjad u d-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa;<br>o Permezz tal-ftehim li ġie ffirmat mal-Fondazzjoni ARKEO, il-pubbliku ser ikollu l-opportunita` li jżur il-heritage trail ta' Selmun u l-Imġiebaħ;<br>o Wara t-tindif u r-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa permezz ta' ftehim mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ser jingħata servizz ta' kustodju bil-għan li jkun hemm monitoraġġ konsistenti u hekk jiġi assikurat li dan il-post ma jaqax fl-abbandun; u<br>o Introduzzjoni ta' dwal ornamentali fiċ-ċentru storiku tal-Mellieħa, flimkien mal-pavimentar fiż-żona tal-Knisja Parrokkjali |

| | |
|---|---|
| • Sigurta` u Serħan-il Moħħ għar-Residenti | • Ser jitkompla l-programm sabiex ikun hemm dawl adekwat fil-parti t'isfel ta' Santa Marija Estate. |
| • L-Edukazzjoni | • Għoti ta' kotba u mezzi oħra ta' tagħlim lill-Librerija Pubblika tal-Mellieħa, permezz ta' koperazzjoni aktar mill-qrib mal-Librerija Nazzjonali skont il-ftehim dwar it-tmexxija ta' l-istess librerija, kif ukoll bil-għajnuna tal-Iskema dwar il-Librerija mħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-attrezzar u l-aġġornament tal-librerija jħajjar aktar nies jaqraw.<br>• Tisħiħ tal-korsijiet – Tagħlim Tul-Ħajja - bil-kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u entitajiet privati, bil-għan li t-tagħlim jinġieb aktar qrib ir-residenti ta' etajiet varji. |
| • Faċilitajiet Sportivi | • Il-proġett Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ ipprovda faċilitajiet sportivi li qabel ma kinux jeżistu fil-lokalita` u hekk issa qed jibbenefikaw minnhom assoċjazzjonijiet sportivi Melleħin. Filwaqt li dawn għandhom jintgħataw priorita`, il-Kunsill jeħtieġ jimmassimizza tal-faċilitajiet u jirkupra parti mill-ispejjeż meħtieġa biex dawn jinżammu. |
| • Attivitajiet Popolari | • Organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari ser ikomplu bil-għan li l-kwalita` tal-ħajja tar-residenti togħla filwaqt li l-lokalita` tal-Mellieħa tieħu postha fuq il-mappa kulturali ta' pajjiżna u b'riżultat ta' dan jitkattar il-kummerċ. Il-Kunsill ser jara kif jolqot sezzjonijiet oħra ta' nies bl-attivitajiet li jorganizza bl-introduzzjoni tal-Mellieħa *International Band Festival* u oħrajn u l-Avveniment tal-Ewwel tas-Sena.<br>• Jittellgħu attivitajiet li jippromwovu l-folklor u tradizzjoni bħalma hija dik ta' Lejlet il-Festa tal-Ħġejjeġ u l-inizjattiva l-"Arti fil-Misraħ" li tiżvolġi matul ix-xhur tas-sajf. |

**L-Istrateġiji**

- L-ippjanar tal-proġetti u l-attivitajiet tal-Kunsill jitmexxew b'konsultazzjoni mal-pubbliku jew ma' kumitati u sotto-kumitat komposti minn nies li għandhom esperjenza jew b'xi mod milquta. Nemmnu li biex tinkiseb il-fiduċja tar-residenti, il-kunsillieri u l-uffiċjali tal-Kunsill għandhom jkunu aċċessibli għall-pubbliku f'kull waqt.

- Il-Kunsillieri ndividwali għandhom jkomplu juru inpenn u koperazzjoni sħiħa bejniethom sabiex jaħdmu bħala tim wieħed, illi jpoġġi l-interessi tal-lokalita` l-ewwel u qabel kollox. B'hekk tikber il-kredibilita` tal-Kunsill fost ir-residenti.

## 4.1 L-Analiżi tal-Ħidma

Il-Kunsill attwali qed jippjana l-iżvilupp ta' post ieħor ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, preċiżament fil-qatgħa li hemm bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel. Din hija art li tappartjeni lill-Kurja, u skont il-Pjan Lokali ma tista` tintuża għal xejn ħlief għal skop ta' rikrejazzjoni. Ġie innegozjat ftehim mal-Kurja biex l-art tiġi mgħoddija lill-Kunsill b'titolu ta' *commodatum*, li ma jinvolvi ebda piż finanzjarju, ħlief għall-implementazzjoni tal-proġett innifsu u għall-manutenzjoni li tiġi wara. Il-proġett huwa stmat li jiswa madwar €430,000. Għall-2015, il-Kunsill qed jivvota €50,000 bil-għan li tkun tista' issir sejħa sabiex isir it-tqattiegħ tal-blat. Ser jitkomplew il-kuntatti biex jinkiseb finanzjament minn skemi li jniedi l-Ministeru responsabbli mill-Kunsill Lokali, jew minn oħrajn li jiġu mnedija minn żmien għal żmien.

Il-Kunsill jemmen li ċ-ċentru storiku għandu jkompli jiġi mżejjen bil-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni biex jiġi biċċa waħda mal-Bitħa tas-Santwarju u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Ser isir *upgrading* tat-turġien li jeżistu fil-qalba tal-Mellieħa l-antika, bħalma hija Triq San Publiju bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Kappillan Magri. Ser isir ir-restawr tal-ħajt li qed iżomm it-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa. Il-Kunsill huwa tal-fehma li biex il-proġett dwar ir-restawr tat-Torri l-Abjad ikun sostenibbli, jeħtieġ li tinstab organizzazzjoni li tkun tista' tiftħu għall-pubbliku. Skont ftehim li sar mal-Fondazzjoni ARKEO, it-tmexxija tal-*Heritage Trail* ta' l-Selmun u l-Imġiebah ser issir bi sħab ma' din l-organizzazzjoni volontarja għall-ħames snin li ġejjin.

Il-*public private partnership* dwar Triq l-Armier, li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd ser ikun għadu prevalent matul it-tliet snin koperti b'dan il-pjan ta' ħidma. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern Ċentrali ffinanzja 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill qed jagħmel tajjeb għall-bqija permezz tal-fondi ordinarji tiegħu. Nistgħu ngħidu li permezz ta' dan il-*partnership*, il-Kunsill qed jissellef somma flus li tintradd lura fuq medda ta' disa' snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett tlestiet f'Ġunju 2011 u swiet €379,000, filwaqt li t-tieni u l-aħħar fażi tlestiet f'Ġunju 2012 u swiet ftit aktar minn €357,000. Iż-żewġ fażijiet kienu jinvolvu l-parti bejn Triq Ta' Msid sal-Ponta tal-Aħrax. Bejn l-2015 sa ma jintemm il-ftehim fl-2020, il-Kunsill għad fadallu jgħaddi €160,000 lill-kuntrattur, bil-pagamenti dovuti matul it-tliet snin tal-pjan ilaħħqu €107,451.

Fl-ewwel sentejn tal-pjan, il-Kunsill qed jara wkoll li jerġa jmur fiż-żona tal-Aħrax billi jwettaq ir-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin. Billi din tinvolvi spiża relattivament kbira biex titħallas f'sena waħda, il-Kunsill qed jikkonsidra żewġ alternattivi - dik li jitlob l-involviment finanzjarju mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, jew li jintlaħaq ftehim mal-kuntrattur konċernat sabiex il-ħlas jinqasam fuq sentejn.

Il-Kunsill ser ikompli jwettaq il-programm dwar skemi ta' dwal ġodda fiż-żona ta' Santa Marija Estate bl-installazzjoni ta' ċirkwiti ġodda fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, Ix-Xatt ta' Santa Marija u fi Triq il-Qasab. Huwa ppjanat li l-fondi għal dan il-għan jinkisbu mill-Fond għat-Titjib Urban (UIF) li huwa amministrat mill-MEPA.

Il-Kunsill ser ikun qed jesperimenta fl-attivitajiet popolari ewlenin bil-għan li jibqa' aġġornat max-xewqat tar-residenti. Għalhekk, minflok l-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi, mar għal festival internazzjonali tal-mużika, kif ukoll ser ikompli jorganizza l-attivita` li permezz tagħha l-pubbliku jiltaqa' biex jiċċelebra l-bidu ta' sena ġdida f'Misraħ il-Parroċċa. Wieħed jittama li l-appoġġ finanzju minn naħa tal-Gvern Ċentrali għal dawn it-tip ta' inizjattivi jissaħħaħ. Il-Kunsill ser jara li jkun hemm aktar involviment mill-privat, li wara kollox jibbenefika bi sħiħ b'riżultat ta' dawn l-inizjattivi.

Il-Kunsill beħsiebu jkompli bil-pubblikazzjoni ta' aktar kotba fis-sensiela Ħannieqa Kulturali. Fl-ewwel sena tal-pjan ser jiġi ppubblikat ktieb dwar is-sajd tat-tonn fil-Mellieħa ta' David Muscat. Bis-saħħa ta' finanzjament min-naħa tal-Kunsill, qed jiġu ppubblikati xogħlijiet li forsi ma kinitx din l-inizjattiva kienu jibqgħu fuq l-ixkaffa. B'dan il-mod l-awtur qed jingħata l-inkoraġġiment meħtieġ biex ix-xogħol letterarju tiegħu jkun jista' jinqasam mal-qarrej.

Fis-snin riċenti, il-Kunsill daħal għall-implimentazzjoni ta' sensiela ta' proġetti kapitali li awtomatikament għollew l-ispiża rikonnrenti. Huwa vitali li f'dan l-istadju, l-istess proġetti jitpoġġew fuq sisien li jiġġarantixxu s-sostenibblita` tagħhom u possibilment jiffunzjonaw mingħajr l-appoġġ finanzjarju mill-Kunsill, bil-għan li jiġu evitati piżijiet li jridu jinġarru matul is-snin.

## 4.2 L-Organizzazzjoni

- **Il-Kunsill**
  - **Is-Sindku**
    - **Is-Segretarju Eżekuttiv**
      - Assistant Amministrattiv fi Skala 11
      - Uffiċjal fi Skala 15 (*Back Office*) u Żewġ Uffiċjali fi Skala 15 (*Front Office*)
        - **Ħaddiem tal-IPSL**
        - **Ħames Ħaddiema ipprovdut mill-ETC**
          - *Contract Manager Road Resurfacing*
          - Uffiċjal Awtorizzat Dwar l-Infurzar tal-Liġijiet
          - *Contract Manager* dwar id-Dwal Tat-Toroq
          - *Contracts Manager* fuq il-ħidma in ġenerali
      - Uffiċjal assenjat mis-Servizz Ċivili b'doveri relatati ma' materji li jinvolvu programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea

## 4.3 Attivitajiet Ġenerali

Matul il-perjodu kopert b'dan il-pjan ta' ħidma ser ikun hemm il-ħtieġa li mill-inqas isiru ħmistax-il sejħa għall-offerti f'dawk li huma servizzi li l-Kunsill huwa obbligat li jirrendi statutorjament. L-ispejjeż marbuta magħhom mistennija jiddependu minn diversi fatturi u għalhekk fl-iskedi tal-infieq rikorrenti tidher żieda ta' 1% fil-mija minn sena għall'oħra. Il-kuntratti dwar is-servizzi li ser jiskadu matul il-perjodu kopert b'dan il-Pjan ser ikunu kif jidher hawn taħt:

| Servizz | Jiskadi |
|---|---|
| Servizz ta' *Accountant* | 31/07/2015 |
| Provista ta' Asfalt | 31/07/2015 |
| Provista ta' Konkos | 31/07/2015 |
| Resurfacing ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari | 30/09/2015 |
| Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi | 31/10/2015 |
| Servizz ta' *Contract Management* fuq *Resurfacing* ta' Toroq u xogħlijiet Anċillari | 31/12/2015 |
| Tindif u Żamma ta' Ġonna Pubbliċi | 31/01/2016 |
| Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa u f'Postijiet Oħra | 31/01/2016 |
| Tindif ta' Toroq Rurali | 31/01/2016 |
| Iddisinjar, Tqassim u Stampar tal-Magazins "Mill-Qiegħa" u "Mill-Qiegħa għat-Tfal" | 31/01/2016 |
| Servizz ta' *Contract Manager* (Ġenerali) u Servizzi Anċillari | 29/02/2016 |
| Tindif ta' Toroq Urbani | 31/08/2016 |
| Manutenzjonii ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku | 31/07/2016 |
| Servizz ta' Kustodju fil-Park tal-Familja | 31/08/2016 |
| Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff | 31/01/2017 |

Fl-2014 saru żewġ laqgħat konsultativi għar-residenti tal-Manikata. Fl-ewwel waħda ġiet trattata l-ħidma tal-Kunsill in ġenerali, filwaqt li fit-tieni waħda, kienet tinvolvi l-problema serja dwar il-volum tat-traffiku li qed jgħaddi minn dan il-villaġġ, kif ukoll is-soluzzjonijiet *short term* u *long term* li qed jipproponi l-Kunsill. F'Lulju 2014, il-MEPA ssanzjonat ix-xogħol li sar mill-Kunsill fi Sqaq Ħarruba fl-2007, iżda xi residenti ta' Triq il-Mejjiesa oġġezzjonaw għal dan u hekk attwalment l-isqaq ma jistax jinfetaħ sakemm jinqata' l-appell. Oriġinarjament l-isqaq kien ingħata l-konkos biex il-bdiewa jkollhom aċċess faċli għar-raba tagħhom u t-terrapien li kienu jwittu ma jibqax jinġarr bl-ilmijiet. Maż-żmien l-isqaq beda, biex jservi ta' *safety valve,* meta jeħel it-traffiku fi Triq il-Manikata. Biex il-problema ma tkomplix tiġġrava, fis-snin li ġejjin, il-Kunsill irid ikompli jaħdem flimkien mal-awtoritajiet kompetenti sabiex titwessa' din it-triq, filwaqt li soluzzjoni permanenti tkun il-kostruzzjoni ta' *bypass* li tgħaddi qrib il-Manikata.

Il-Kunsill jemmen li l-Iskola Primarja u l-faċilitajiet marbuta magħha għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-komunita` Melleħija. B'kordinazzjoni mal-Kulleġġ Maria Regina, u l-Kunsill Skolastiku, jeħtieġ li jinstab mekkaniżmu bil-għan li jsir użu sħiħ mill-faċilitajiet tal-istess skola għall-benefiċċju tal-komunita`. Ġaladarba l-Kunsill jara li dan ikun jiffunzjona jkun dispost li jimpenja r-riżorsi tiegħu biex dawn ikomplu jitjiebu, kif għamel fil-passat.

Jeħtieġ li l-Kunsill ikun prudenti ħafna partikularment f'dik li hija nefqa rikorrenti matul l-perjodu kopert bil-Pjan ta' Ħidma, bil-għan li jkun f'-pożiżżjoni li jwarrab biżżejjed fondi ħalli jiffinanza l-proġetti mfassla, partikularment il-proġett ta' ġnien pubbliku f'Mellieħa Heights. Din ser tkun sfida għaliex l-ispiża rikorrenti żdiedet sostanzjament bil-proġetti kapitali li twettqu fl-aħħar snin.

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2015 - 2017 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,170,160.00 | 1,181,861.60 | 1,193,680.22 | 3,545,701.82 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 12,000.00 | 32,352.00 | 12,475.52 | 56,827.52 |
| 0090 | L-Investiment | 9,000.00 | 9,090.00 | 9,180.90 | 27,270.90 |
| 0100 | Ġenerali | 24,500.00 | 120,000.00 | 25,000.00 | 169,500.00 |
| | **TOTAL** | **1,215,660.00** | **1,343,303.60** | **1,240,336.64** | **3,799,300.24** |
| **1** | **L-Infiq** | 899,616.86 | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 130,552.55 | 132,895.89 | 135,284.07 | 398,732.51 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 769,064.31 | 778,208.89 | 787,474.90 | 2,334,748.10 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 847,500.00 | 431,150.00 | 317,132.00 | 1,595,782.00 |
| | **TOTAL** | **1,747,116.86** | **1,342,254.79** | **1,239,890.97** | **4,329,262.61** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | **(531,456.86)** | **1,048.81** | **445.66** | **(529,962.38)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 636,426.52 | 104,969.67 | 106,018.48 | 636,426.52 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 104,969.67 | 106,018.48 | 106,464.14 | 106,464.14 |
| | **Annual Allocation/Suplus %** | **10.05** | **10.05** | **9.99** | |

### Noti u Suppożizzjonijiet

**Id-Dħul**

- Qed jiġi smat li matul it-tliet snin tal-pjan l-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali tiżdied b` 1 % kull sena.
- Id-dħul mill-*bye-laws* jikkonsisti prinċipalment mill-permessi li jinħarġu għal attivitajiet temporanji bħal *barbecues*, ikkampjar eċċ, u l-ħlas għall-korsijiet li jorganizza l-Kunsill. Dawn mistennija li jiżdiedu bi 0.1% minn sena għal'oħra.

**L-Infiq**

- ♦ L-infieq fuq is-servizzi li jixtri l-Kunsill, huma stmati li ser jiżdiedu b'rata ta' 2 % tul il-perjodu tal-Pjan.

..

## 5.2. Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2015 - 2017 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 10,572.50 | 10,678.23 | 10,785.01 | 32,035.73 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 87,984.35 | 89,744.04 | 91,538.92 | 269,267.30 |
| 1300 | Bonus | 7,914.55 | 7,993.70 | 8,073.63 | 23,981.88 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.31 | 1,211.31 | 1,211.31 | 3,633.93 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,808.84 | 7,965.02 | 8,124.32 | 23,898.17 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 1,861.00 | 1,879.61 | 1,898.41 | 5,639.02 |
| 1700 | Sahra | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 11,200.00 | 11424.00 | 11652.48 | 34,276.48 |
| | | **130,552.55** | **132,895.89** | **135,284.07** | **398,732.51** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/i€a/tel. etc.) | 29,678.00 | 29,974.78 | 30,274.53 | 89,927.31 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 4,750.00 | 4,797.50 | 4,845.48 | 14,392.98 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 150,000.00 | 151,500.00 | 153,015.00 | 454,515.00 |
| 2400 | Kera | 4,249.00 | 4,249.00 | 4,249.00 | 12,747.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 1,400.00 | 1,414.00 | 1,428.14 | 4,242.14 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,800.00 | 7,878.00 | 7,956.78 | 23,634.78 |
| 2700 | Trasport | 3,650.00 | 3,686.50 | 3,723.37 | 11,059.87 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 5,800.00 | 5,916.00 | 6,034.32 | 17,750.32 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 15,544.00 | 15,699.44 | 15,856.43 | 47,099.87 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 360,150.00 | 363,751.50 | 367,389.02 | 1,091,290.52 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 31,000.00 | 31,310.00 | 31,623.10 | 93,933.10 |
| 3200 | Taħriġ | 6,500.00 | 6,565.00 | 6,630.65 | 19,695.65 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 128,429.00 | 130,997.58 | 133,617.53 | 393,044.11 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 4,200.00 | 4,242.00 | 4,284.42 | 12,726.42 |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 750.00 |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 15,664.31 | 15,977.59 | 16,297.14 | 47,939.04 |
| | | **769,064.31** | **778,208.89** | **787,474.90** | **2,334,748.10** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' Proprjeta` | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 181,000.00 | 55,000.00 | 37,000.00 | 273,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 6,500.00 | 7,150.00 | 7,315.00 | 20,965.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 660,000.00 | 369,000.00 | 272,817.00 | 1,301,817.00 |
| | | **847,500.00** | **431,150.00** | **317,132.00** | **1,595,782.00** |
| | **TOTAL** | **1,747,116.86** | **1,342,254.79** | **1,239,890.97** | **4,329,262.61** |

Noti:

## 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2015 - 2017 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dħul | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,044,287.00 | 1,054,729.87 | 1,065,277.17 | 3,164,294.04 |
| 0002 | Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 125,873.00 | 127,131.73 | 128,403.05 | 381,407.78 |
| | | **1,170,160.00** | **1,181,861.60** | **1,193,680.22** | **3,545,701.82** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 3,900.00 | 3,939.00 | 3,978.39 | 11,817.39 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 5,800.00 | 6,090.00 | 6,150.90 | 18,040.90 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 2,300.00 | 2,323.00 | 2,346.23 | 6,969.23 |
| 0070 | Fondi ta' l-Unjoni Ewropea | 0.00 | 20,000.00 | 0.00 | 20,000.00 |
| | | **12,000.00** | **32,352.00** | **12,475.52** | **56,827.52** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 9,000.00 | 9,090.00 | 9,180.90 | 27,270.90 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **9,000.00** | **9,090.00** | **9,180.90** | **27,270.90** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 24,500.00 | 120,000.00 | 25,000.00 | 169,500.00 |
| | | **24,500.00** | **120,000.00** | **25,000.00** | **169,500.00** |
| | | **1,215,660.00** | **1,343,303.60** | **1,240,336.64** | **3,799,300.24** |

## 6.1. L-Infiq Kapitali

| Nru. tal-Kont / Nru. tal-Proġett | Infieq Kapitali / Deskrizzjoni tal-Proġett | 2015 KONT € | 2015 PROĠETT € | 2016 KONT € | 2016 PROĠETT € | 2017 KONT € | 2017 PROĠETT € | 2015-17 TOTAL TAL-KONT € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| **7200** | **Titjib** | 181,000.00 | | 55,000.00 | | 37,000.00 | | 273,000.00 |
| 7210 | Office Improvements | | 13,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| 7220 | New Street Lamps | | 166,000.00 | | 48,000.00 | | 30,000.00 | |
| 7230 | New Street Furniture | | 2,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 6,500.00 | | 7,150.00 | | 7,315.00 | | 20,965.00 |
| 7310 | Office Equipment | | 1,500.00 | | 1,650.00 | | 1,815.00 | |
| 7311 | Computer Hardware | | 5,000.00 | | 5,500.00 | | 5,500.00 | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | 660,000.00 | | 369,000.00 | | 272,817.00 | | 1,301,817.00 |
| 7502 | Road Resurfacing | | 279,000.00 | | 139,000.00 | | 35,817.00 | |
| 7504 | Churches Area Floodlighting | | 31,500.00 | | | | | |
| 7507 | Misrah il-Parrocca Mellieha Project | | 31,000.00 | | 40,000.00 | | | |
| 7512 | Construction of Culverts | | 17,000.00 | | | | | |
| 7517 | Triq l-Inkurunazzjoni Embellishment | | 90,000.00 | | 100,000.00 | | 100,000.00 | |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Improvement | | 3,500.00 | | | | | |
| 7518 | Embellishment of Stepped Streets | | 60,000.00 | | | | 37,000.00 | |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | | 25,000.00 | | | | | |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | | 5,000.00 | | | | | |
| 7525 | Gnien il-Qighan Improvements | | 53,000.00 | | | | | |
| 7527 | Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | | 50,000.00 | | 90,000.00 | | 100,000.00 | |
| 7528 | Ghajn tal-Mellieha & Environs Restoration | | 15,000.00 | | | | | |
| | **TOTAL Proġetti Ġodda** | 847,500.00 | | 431,150.00 | | 317,132.00 | | 1,595,782.00 |

## 6.2. Noti u Suppożizzjonijiet

| | |
|---|---|
| 7210 | Dan il-vot jinkludi fiħ titjib li jrid isir fl-uffiċċju amministrattiv minn żmien għal żmien, fosthom fis-sistema tal-PABX. |
| 7220 | Jinkludi l-installazzjoni ta' lampi ġodda, f'dawk it-toroq fejn saru skemi ta' dwal ġodda fi Triq Ta' Taħt l-Irdum, il-parti ċentral ta' Triq Għajn Żejtuna li tlestiet tard fl-2014. L-ispiża fuqha mistennija li tlaħħaq €104,000. Hemm ukoll il-parti t'isfel nett ta' Triq Għajn Żejtuna li hija programmata fl-2015 u li hija stmata €37,523. |
| 7310 | Dan il-vot ser jintuża biex jinxtara apparat għall-uffiċċju li kontinwament jrid jiġi aġġornat. |
| 7311 | Is-somma ndikata taħt dan il-vot hija ntiża sabiex isir it-titjib meħtieġ minn żmien għal żmien fuq is-sistema tal-IT mħaddma fl-uffiċċju. Għalhekk dawn il-fondi ser jagħmlu tajjeb għall-installazzjoni ta' server tal-kompjuter għall-uffiċċju amministrattiv |
| 7502 | Dan il-vot huwa ntiż sabiex jiffinanzja l-ftehim tal-*Public Private Partnership* li pprovda għar-*resurfacing* ta' Triq l-Armier bejn it-Triq Ta' Msid u l-Ponta tal-Aħrax, liema ftehim mistenni jiġi konkluż fl-2020. Il-pagament dovut fl-2015 jammonta għal €35,800. Jeħtieġ ukoll ikopri r-*resurfacing* ta' Triq il-Kaħli, Triq it-Tumbrell, Triq it-Tunnaġġ u Triq il-Klamari li flimkien huma stmati li jiswew €104,000. Għat-tnax-il xahar li ġejjin, il-Kunsill qed jikkonsidra wkoll ir-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin li hija stmata li tinvolvi spiża €262,000. Il-Kunsill jista' jibdel l-ordni tal-prijoritajiet tiegħu f'dan ir-rigward skont l-esiġenzi li jista' jaffaċċja. |
| 7504 | Il-*floodlighting* madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata ġie mplimentat fil-parti l-kbira tiegħu tard fl-2014 u l-ispiża fuqu mistennija li tlaħħaq €60,000. Il-Kunsill qed jistenna l-eżitu` ta' applikazzjoni li saret mal-MEPA biex tinkludi l-kumplament tal-installazzjoni li ma kinitx koperta bid-*development notification order* tal-MEPA. |
| 7507 | Il-Kunsill qed iqajjem mill-ġdid il-Proġett ta' Misraħ il-Parroċċa tal-Mellieħa b'vot ta' €31,000 sabiex jinbeda programm ta' inizjattivi li jikkonsisti fit-titjib ta' dwal ornamentali fi Triq il-Parroċċa, restawr tal-fanali li hemm quddiem il-Knisja Parrokkjali u bdil tal-pavimentar taż-żuntier. |
| 7512 | Ser isir titjib fl-infrastruttura tat-toroq tar-*rainwater culverts* fi Triq Għajn Żejtun, partikularment kantuniera ma' Triq il-Pont u Triq il-Qasab. |
| 7517 | Dan il-vot huwa intenzjonat għall-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni bejn Triq Salvinu Vella u il-Bitħa tas-Santwarju. L-ispiża hija stmata €312,000 u għalhekk il-Kunsill qed ifittex sorsi ta' finanzjament oħra apparti li somma ta' €90,000 mill-fondi ordinarji tal-Kunsill. |
| 7518 | Is-somma allokata ta' €60,000 ser tipprovdi għat-tqegħid ta' puġġamani tal-ħadid fit-taraġ ta' Triq l-Mitħna l-Qadima, kif ukoll fi Triq Sant' Elena, flimkien ma' rampa għall-persuni b'diżabilita` mill-istess triq għal Triq Ġorġ Borg Olivier, minflok it-taraġ eżistenti. |
| 7519 | Il-vot ta' €3,500 huwa ntiż sabiex jagħmel tajjeb għall-bażi tal-bandla għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li saret fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ. Spejjeż oħra marbuta ma' din l-inizjattiva ġew inklużi fis-sena finanzjarja 2014. |
| 7520 | Il-Kunsill għadu għaddej mill-fażi ta' konsultazzjoni dwar jekk għandux isir tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, jew isirx parkeġġ taħt l-art. Marbuta ma' din l-*issue* hemm ukoll l-modifikazzjoni meħtieġa fit-triq li hemm biswit l-istess pjazza li attwalment ma toffrix sigurta` biżżejjed biex tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet. Minkejja dan qed jiġu vvutati €31,000 biex tkopri kwalunkwe` intervent jew parti minnu kemm-il darba l-Kunsill ikun iddeċieda dwar x'għandu jsir. |

| | |
|---|---|
| 7524 | Il-Kunsill ngħata t-Torri l-Abjad b'titolu ta' devoluzzjoni bil-għan li dan jiġi restawrat u jinżamm miftuħ għall-pubbliku. Għal dan il-għan saret applikazzjoni mal-MEPA biex dan ikun kopert bil-permess. |
| 7525 | Il-vot ta' €53,000 huwa ntiż sabiex isiru dwal ġodda fi Ġnien il-Qigħan, peress li dawk eżistenti ddeterjoraw. Il-vot għandu jipprovdi għall-introduzzjoni ta' *play equipment* modern bis-*safety carpet* madwaru skont l-i*standards* stabbiliti, minflok li tneħħa peress li kien perikoluż. |
| 7527 | Il-proġett tal-ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq il-Għasel, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Etna jinvolvi spiża stmata li tlaħħaq €430,000 u għalhekk jeħtieġ tinqasam fuq iktar minn sena waħda. Il-Kunsill qed ifittex sorsi ta' finanzjament alternattivi eż: skemi li jista' joħroġ il-Gvern Ċentrali minn żmien għal żmien. |
| 7528 | Ir-restawr u t-tindif li sar fiż-żona tal-Għajn tal-Mellieħa ġie mwettaq fil-parti l-kbira matul l-2015, iżda kien fadal pagamenti relatati mat-tindif tal-mini għall-ilma tax-xita u ż-żbir tas-siġar li hemm fil-post. |